MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 25/2010

**Anthony Vella (ID 008847M)**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fl-24 ta' Novembru 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"L-Arbitru***

*Ra l-appell*

*Ra ir-risposta*

*Ikkunsidera*

*Fl-erbatax (14) ta' Novembru 2007, l-appellant biegh id-dar tieghu u irrikava somma sostanzjali. Tali dhul ta' flus kellu jigi rrapurtat lid-Dipartiment bhala bdil fic-cirkostanzi tieghu li jinfluwixxi fuq l-ghoti tal-istess beneficcju ricevibbli. Din l-informazzjoni ma gietx moghtija lid-Dipartament.*

*L-appell ma jistax jigi milqugh".*

Rat ir-rikors tal-Appell ta' Anthony Vella datat 27 ta' Dicembru 2010 fejn talab lill-Qorti tilqa' dan l-appell u tirrevoka, tannulla u thassar id-decizjoni tal-Arbitru moghtija fl-24 ta' Novembru 2010 u dan bl-ispejjez a karigu tad-Direttur intimat appellat.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Sigurta` Socjali) ghar-rikors tal-appell ipprezentat minn Anthony Vella fis-27 ta' Dicembru 2010, liema risposta hi datata 1 ta' April 2011 a fol 7 tal-process fejn talab lill-Qorti tirrespingi u tichad l-appell imressaq ghall-appellant u b'hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Arbitru fl-24 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet Anthony Vella vs Direttur tas-Sigurta` Socjali, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' April 2011.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' April 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Nadya Fiott u Ivan Cilia ghad-Direttur tas-Sigurta` Socjali. L-appellant u d-difensur tieghu msejha diversi drabi bqghu ma dehrux. Dr. Nadia Fiott irrimettiet ruhha ghall-atti u nfurmat il-Qorti li Dr. Maria Azzopardi nfurmatha li se tirrimetti ruhha ghall-atti. L-appell gie differiti ghas-sentenza ghall-15 ta' Gunju 2011; u tal-15 ta' Gunju 2011 fejn l-appell gie differit ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghat-28 ta' Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appellant hassu aggravat bid-decizjoni tal-Arbitru ghaliex sostna li (a) hija nulla ghaliex ma inghatawx ir-ragunijiet li fuqhom hija motivata d-decizjoni skond l-**artikolu 218 tal-Kap. 12** u b'hekk ma hijiex motivata (**"John Abela et nomine vs John Cassar"** (A.C. – 18 ta' Mejju 1994); **"Charmaine Camilleri vs Eugenio sive Gino Abdilla et"** (A.I.C. (PS) – 12 ta' Jannar 2005); **"Agricultural Co-Operative Limited vs Peter Axisa"** – A.I.C. – 28 ta' April 2004); (2) fil-mertu mid-dokumentazzjoni prodotta mill-istess appellant jirrizulta b'mod car li kontrarjament ghal dak li allega d-Direttur tas-Sigurta' Socjali ir-rizorsi kapitali ma jaccedux €23,300, u dan ghaliex l-appellanti dejjem kellhom residenza wahda u ma dahhal l-ebda flus b'mod li ecceda l-kapital stabbilit mill-ligi.

Illi l-Qorti rat id-decizjoni tal-Arbitru minn liema decizjoni jirrizulta li ma laqax it-talba tal-appellant ghal ghajnuna medika ghaliex naqas li jinforma lid-Dipartiment bil-bejgh tar-residenza tieghu, u tali dhul mill-istess bejgh kien jinfluwixxi fuq l-ghoti tal-istess beneficcju, u kien jammonta ghal bdil ta' cirkostanzi li l-appellant naqas li jinforma bih lid-Dipartiment.

Illi minn dan jidher li hemm motivazzjoni sufficjenti fid-decizjoni sabiex jinghad li l-istess hija motivata u tissodisfa l-vot tal-ligi li ghandu jkun hemm ragunijiet ghaliex tribunal ikun wasal ghall-konkluzjoni tieghu, u ghalkemm l-istess mhux elaborata, jidher car li hadet in konsiderazzjoni dak sottomess mill-partijiet bhala prova quddiemu, prova li fuq kollox ma gietx kontrastata, ghaliex fil-verita' l-istess appellant ma nformax lid-Dipartiment, kif kien obbligat li jaghmel li huwa biegh il-fond "Il Palma, Triq il-Luh, Mellieha, b'kuntratt datat 14 ta' Novembru 2007 fl-atti tan-Nutar Dr. John Debono lill-ibnu bil-prezz ta' Lm50,000 ekwivalenti ghall €116,468.66 u b'hekk dan imur kontra dak provdut fl-**artikolu 20 (1) tal-Kap. 318** fejn persuna intitolata ghall-mard elenkat fit-**Taqsima I tal-Hames Skeda tal-Kap. 318** trid *inter alia* tipprova li hija

ma ghandhiex rizorsi kapitali in eccess ta' €23,000 skond it-Test tal-Mezzi **f'Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-istess Att.**

Illi l-istess appellant, bhala beneficarju ta' tali beneficcju, kellu l-obbligu skond id-disposizzjoni tal-**artikolu 97 (b) tal-Kap. 318** li allura jinforma lid-Dipartiment b'tali bejgh ghaliex dan jammonta ghal bdil ta' cirkostanzi li jista' jaffettwa u fil-fatt jaffettwa jekk l-istess appellant jibqax jew huwiex intitolat li jiehu jew jibqa' jircievi tali beneficcju. Fil-fatt jinghad li meta saret l-applikazzjoni (28 ta' Mejju 2009) originali l-appellanti kienu informaw u ffirmaw dikjarazzjoni li tipprovdi li huma kellhom l-obbligu li jaghrrfu lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali b'kull ghamla ta' tidbil fic-cirkostanzi tal-familja li jista' jkollha effett fuq it-talba ghall-ghoti tal-istess beneficcju u certament il-bejgh tal-istess residenza taghhom u r-rikavat mill-istess jammonta ghal bdil ta' cirkostanzi.

Illi dan qed jinghad ghaliex l-appell quddiem l-arbitru sar ghaliex id-Direttur tas-Sigurta' Socjali kien informa lill-appellant li ma kienx izjed intitolat ghal Ghajnuna ghall-Mard ghaliex instab li l-valur kapitali tal-proprjeta', kalkolata skond l-istess Att, kien jaccedi €23,300, proprio minhabba tali bejgh, b'decizjoni datata 4 ta'Marzu 2010, u allura l-Arbitru kkonferma l-istess decizjoni ghaliex ikkonstata li l-appellant ma kienx informa lid-Dipartiment bl-istess bejgh u li allura dahhal rikavat ta' Lm50,000 ekwivalenti ghal €116,468.66, rappresentanti prezz ta' l-istess.

Illi b'hekk din il-Qorti thoss li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz l-istess decizjoni tal-Arbitru tissodisfa l-vot tal-ligi dwar motivazzjoni, ghaliex sabiex decizjoni tkun tali ma hemmx bzonn li l-istess decizjoni titratta kull punt imqajjem fl-istess pendenza dment li minn qari tad-decizjoni jigu ndikati l-elementi li fuqhom il-gudikant, u f'dan il-kaz l-arbitru jkun iffonda d-decizjoni tieghu (**"Joseph Mercieca vs Water Services Corporation"** – A.I.C. (PS) – 27 ta' Frar 2009; **"Frank P. Borg Limited vs Joseph Camilleri"** – A.C. – 28 ta' Mejju 2010).

Illi dan japplika iktar u iktar meta l-accertament huwa wiehed semplici b'mod li d-decizjoni tal-arbitru ma kinitx tirrikjedi xi motivazzjoni approfondita, u allura japplika dak li nghad fis-sentenza **"Charles Schembri vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 30 ta' Jannar 2009) fis-sens ghal dan il-kaz japplika dak li nghad fid-decizjoni hawn citata fis-sens li:-

*"Din il-Qorti ma ssibx li din il-motivazzjoni tiddifetta, trattasi ta' kwestjoni li s-soluzzjoni taghha kienet ghall kollox tiddependi mill-valutazzjoni tad-dokumenti esebiti u dik ta' accertament jekk fiz-zmien li fih id-Direttur appellat issospenda l-ghoti tal-beneficcju, l-assi kapitali ta' l-appellant kienu jeccedu, o meno, il-massimu stabillit mill-ligi ghall-intitolar ta' dak il-beneficcju".*

*"fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-kaducita' ta' sentenza hi haga serja hafna u allura, mhux bizzejjed li l-appellanti li jkun behsiebu jilmenta minn difett ta' motivazzjoni jillimita c-censura tieghu b'mod generiku minhabba allegata inadempjenza formali tas-sentenza mal-vot tal-ligi. Huwa jehtieglu invece juri fil-konkret illi ssubixxa lezjoni. Dan billi jiddemonstra fl-ispecifiku illi kontrarjament ghal dak li irragunat mill-gudikant jew mill-arbitru, fil-kwadru valutativ ta' l-elementi probatorji, ma kienx hemm raguni li tiggustifika l-konvinciment espress".*

Illi fil-kuntest ta' dak kollu hawn ezaminat, u fid-dawl tal-atti processwali kollha din il-Qorti thoss li ghalkemm certament mhux xi ezemplari idejali u certament seta` sar hafna ahjar anke b'minimu ta' sforz, il-formazzjoni tal-konvinciment mill-Arbitru huwa wiehed idoneju u sostenibbli u jissodisfa r-rekwiziti tal-**artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u allura l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju fil-mertu jirrizulta li qed jinghad li jirrizulta mill-provi li l-mezzi tal-appellant ma jaccedux is-somma ta' €23,300 ikkalkolati skond **Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318.** Izda jinghad li mill-provi processwali jirrizulta li l-appellant biegh ir-residenza tieghu, "Il Palma", Triq il-Luh, Mellieha, b'kuntratt datat 14 ta' Novembru

2007 fl-atti tan-Nutar Dr. John Debono lill-ibnu bil-prezz ta' Lm50,000 ekwivalenti ghal €116,468.66 u b'dan ma informax lid-Dipartiment kif kien obbligat li jaghmel peress li dan jammonta ghal tibdil ta' cirkostanzi u ma jidhirx li gie ppruvat dak allegat mill-appelanti fl-appell tieghu quddiem l-Arbitru datat l-1 ta' April 2010.

Illi fil-fatt hemm kien inghad li l-intenzjoni tal-appellant kienet li jibdel ir-residenza tieghu ma` dik ta' ibnu Flat 3, Belvedere, Triq l-Gholjiet, Mellieha, li inghad li kellu l-istess valur bhal dak tar-residenza tal-appellant. Ghalhekk kien ser isir kuntratt ta' permuta li baqa' ma sarx ghaliex dan il-fond ta' Jason Vella, (iben l-appellant) ma kienx ghadu lest u kien kolpit b'ipoteka favur il-Bank; allura sar biss il-bejgh tar-residenza tal-appellant lill-ibnu bil-kuntratt citat, b'dan li meta jkun possibbli, l-fond appena msemmi jigi mibjugh lill-appellant, li sadanittant marru jabitaw fl-imsemmi flat, u inghad ukoll li dak iz-zmien tal-appell kien possibbli li jsir it-tieni kuntratt, haga li pero' qatt ma sehhet sallum, u fil-fatt hekk jidher mill-atti ta' dan l-appell. Mela allura fil-mertu dak allegat mill-appellanti ma giex ippruvat u wisq inqas jirrizulta.

Illi huwa sintomatiku li jinghad li allura d-Direttur kien korrett fid-decizjoni tieghu ghaliex abbazi tal-fatti hawn indikati l-appellant ma baqax intitolat ghall-beneficcju li kien qed jippretendi u hawn fl-applikazzjoni tal-ligi l-istess Direttur ghandu responsabbilta' kbira li josserva *ad unguem* dawk ir-regoli li jassiguraw f'liema cirkostanzi setghet tithallas jew ma tithallasx il-beneficcju relattiv, u sakemm tigi applikata l-ligi b'mod ekwu, ragonevoli u uniformi, fil-parametri mposti bil-ligi, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament li jkun sar mid-Direttur u/jew mill-Arbitru **("Charles Bonaci vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.C. – 9 ta' April 2001).

Illi minn dan jidher li dan it-tieni aggravju huwa wkoll infondat ghaliex dak allegat mill-istess appellant qatt ma gie ppruvat u ghalhekk l-istess appellant naqas li jipprova dak minnu allegat, u dan meta l-oneru tal-provi kien impost fuqu u ghalhekk anke dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat id-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata l-1 ta' April 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell tal-appellanti Anthony Vella fir-rikors tal-appell tieghu datat 27 ta' Dicembru 2010** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tal-arbitru fl-ismijiet **"Anthony Vella vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** datata 24 ta' Novembru 2010 (458/10) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Anthony Vella.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------